DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 136/2012

tat-13 ta' Lulju 2012

li temenda l-Anness XX (Ambjent) ta' mal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX ta' mal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 117/2012 tal-15 ta' Ġunju 2012 ([1]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 iħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE ([4]) u 2006/193/KE ([5]), li huma inkorporati fil-Ftehim u li konsegwentement għandhom jiġu rrevokati skont il-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XX ta' mal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 1ea (ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"**32009 R 1221**: Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1)."

2. It-test tal-punti 1eaa (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/681/KE) u 1eab (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/193/KE) għandu jitħassar.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 bl-ilsien Islandiż u b'dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,* ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-14 ta' Lulju 2012, dment li jkunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

([1]) ĠU L 270, 4.10.2012, p. 40.
([2]) ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1.
([3]) ĠU L 114, 24.4.2001, p. 1.
([4]) ĠU L 247, 17.9.2001, p. 24.
([5]) ĠU L 70, 9.3.2006, p. 63.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.